**Naxxarin f'San Ġiljan**
**Dun Anton Debono** (1.vii.1910 – 8.viii.1959)

# Dun Anton Debono
# Il-qassis li ma kienx jaf jistrieħ

It-Tieni Parti

Kappillan ta' San Ġiljan – L-Ewwel Ħames Snin (1943-7)



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fl-ewwel parti tal-artiklu li jittratta ħajjet u ħidmet Dun Anton Debono, li kien deher f'paġni 76-83 tal-ktieb tal-festa u storja Furjaniża tal-Parroċċa San Publju tas-sena l-oħra, konna rajna li għalkemm mwieled Birkirkara, hu trabba n-Naxxar sa ma kiber u sar qassis fl-1937. Sentejn wara ġie msejjaħ bħala vigarju kurat fil-Gudja fl-eqqel tal-Gwerra, fejn dam sentejn sħaħ bla ma qatt ħa l-pussess ta' dik il-parroċċa. Mill-Gudja hu reġa' ntbagħat lura fil-parroċċa tan-Naxxar, iżda ma damx wisq hemmhekk li ma ġiex imsejjaħ bħala kappillan ta' San Ġiljan. Għaldaqstant, f'dit-tieni parti tal-artiklu ser inlaqqagħkom mal-ewwel ħames snin ta' ħidma pastorali tiegħu f'das-subborg marittmu, fejn sab parroċċa mħarbta minħabba l-Gwerra, u li għalih kienet qisha xi art tal-missjoni. Ser nitkellmu wkoll fuq ħajjet u ħidmet il-viċi parroku peress li Dun Franġisk Zammit kien Furjaniż. U kif naħseb li ġa nnutajtu, dis-sena qegħdin ukoll infakkru s-sittin anniversarju mill-mewt ta' Dun Anton Debono li ġrat fit-8 t'Awwissu tal-1959.

Kliem muftieħ: Birkirkara, Floriana, Gudja, Naxxar, San Ġiljan, Dun Anton Debono, Dun Anton Xiberras, Dun Franġisk Zammit, Knisja ta' 'Lapsi' (San Ġiljan), University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonika Vilhena.

**Jilħaq Kappillan ta' San Ġiljan**: Kif ġa rajna fl-ewwel parti tal-artiklu tas-sena l-oħra, Dun Anton Xiberras, qassis-poeta Naxxari, jagħti żewġ dati ftit differenti ta' meta Dun Anton Debono ħa l-pussess ta' kappillan f'San Ġiljan. Fid-Djarju tal-Gwerra jtina l-Ħadd, 4 t'April 1943, u fil-*Personalia Ġiljaniża I*, li tidher fit-tieni volum tal-ktieb 'Dun Anton – Kitbietu Miġbura', jtina l-5 ta' Marzu tal-istess sena. Did-data tal-aħħar jagħtihielna wkoll il-Kanonku Dun Karm Calleja (4.vii.1927-4.ix.2013) fl-artiklu tiegħu 'Il-Kappillani Dun Anton Debono u Dun Philip Grech', fil-ktieb li kien ħareġ fl-1991 b'tifkira tal-100 sena minn meta s-subborg marittmu ta' San Ġiljan sar parroċċa. Iżda agħar minn hekk, l-istess awtur Naxxari, f'artiklu ieħor tiegħu[1], u li fuqu ser nibbażaw ħafna dit-tieni parti tal-artiklu, jtina l-1942 bħala s-sena li fiha Dun Anton Debono ħa l-pussess ta' dil-parroċċa. Madankollu, kif għedt fl-artiklu tiegħi tas-sena l-oħra, aktar noqgħod fuq dak li hemm imniżżel fid-Djarju tal-Gwerra, fejn il-ġrajjiet kienu jitniżżlu ġurnata b'ġurnata.

L-istess ħaġa tiġri f'dik li hi data eżatta ta' meta Dun Anton Debono rċieva n-nomina li laħaq kappillan ta' San Ġiljan. Fl-artiklu tal-Kanonku Dun Karm Calleja tissemma d-data tat-22 ta' Frar 1943, u anki fil-*Personalia Ġiljaniża I* ta' Dun Anton Xiberras. Iżda kif nafu mid-Djarja tal-Gwerra ta' dan tal-

[1] Djarju tan-Naxxar ta' Diċembru 1952, Għadd 27, il-VII Sena, p. 91: 'L-Arċipriet il-Ġdid tal-Furjana Hu Naxxari fil-Persuna ta' Dun Anton Debono.'

aħħar, id-data preċiża hi dik tal-Ġimgħa, 19 ta' Frar, fejn l-awtur jgħid li rċieva l-aħbar sabiħa li: "Dun Anton Debono ("Ta' Ġeġikk") ġie maħtur Kappillan ta' San Ġiljan."

**San Ġiljan: L-Art tal-Missjoni**: Skont Dun Anton Xiberras, malli Dun Anton Debono laħaq kappillan, sab parroċċa ftit iebsa ma' wiċċu, b'nies 'imħallta minn kull rokna ta' Malta u Għawdex, u ta' pajjiżi oħra; nies, li minħabba l-Gwerra, kienu nġabru hemm u baqgħu hemm, fejn dari kien biss post ta' villeġġjatura.' Aktar minn hekk, l-istess awtur jiddeskrivielna'l das-subborg bħala 'pajjiż imxerred għal mili sħaħ, mill-Imsieraħ[2], is-Sacred Heart[3] u s-Savoy[4], għat-trufijiet tad-Dragunara[5] u ta' Sant' Andrew[6] u San Ġorġ[7]'. Hu jżid jgħid, li l-pajjiż huwa 'kollu tlajja' u toroq mgħawġin', u jiddeskrivi l-knisja parrokkjali[8] bħala waħda 'ċkejna u kerha', li minn popolazzjoni ta' 6,000 ruħ ma tesax 600 minnhom. Hu jkompli jgħarrafna, li Dun Anton wiret pajjiż 'fejn lanqas qassisin ma kellu', ħlief liż-żewġt ixjuħ, Dun Vinċenz Pace[9] (c.1862-8.v.1954) u Dun Artur Fenech[10] (1878c.-14.xii.1954), u 'fejn lanqas it-tfal ma kellhom min jgħallihom Duttrina'.



Il-parroċċa l-qadima ta' San Ġiljan, magħrufa bħala 'Ta Lapsi', bl-istatwa tal-qaddis ħierġa mill-bieb, fl-okkażjoni tal-125 anniversarju (1891-2016)

F'dawk li huma Għaqdiet Reliġjużi mbagħad, dawn 'kienu għadhom xi ħaġa li ma ħolmu biha qatt.' Il-qagħda pastorali fost il-parruċċani Ġiljaniżi tant kienet tinsab fi kriżi, minn kif sabha Dun Anton Debono mal-miġja tiegħu hemmhekk, li l-awtur saħansitra jasal biex iqabbel lil dal-pajjiż ma' xi 'art tal-Missjoni'. Iżda kif se naraw tajjeb, il-kappillan il-ġdid ta' 33 sena ħa mill-ewwel dil-problema taħt idejh u ried jittakiljaha mill-aktar fis possibli.

---

2 Isem ta' raħal, li llum nafuh bħala San Ġwann, imiss ma' erbat irħula oħra: Birkirkara, San Ġiljan, il-Gżira u l-Imsida. Dal-isem kien ingħatalu minħabba l-għadd ta' msieraħ li kien hemm f'dal-inħawi, fosthom dak ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali, ieħor faċċata tal-kappella ta' San Ġwann tal-Għargħar, u ieħor fi Triq Birkirikara, qabel tidħol għal tal-Kappara fuq naħa, u Triq l-Imsieraħ fuq l-oħra. Fil-bidu tas-70ijiet, il-Kunsill Ċiviku ta' dak iż-żmien biddel l-isem ta' dar-raħal minn Imsieraħ għal San Ġwann. (Anthony Grima: 'Ġrajja ta' Raħal: Imsieraħ – San Ġwann, 50 Sena ta' Storja [1940-90]')

3 In-naħa ta' fejn hemm mibnija l-Iskola Tar-Rużarju (*The Rosary School*) għall-bniet u subien żgħar, bil-kunvent kbir magħha tas-Sorijiet tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Dil-iskola kienet inbniet fuq il-ħotba msejħa "Tal-Ballut" fl-1917 fuq pjanta tal-periti Soler u Mons. Dun Manwel Debono Cassia, u mbagħad tas-Sur Fons Galea, li min-naħa tiegħu għamel il-pjanta tal-Knisja u tal-istess Kunvent. (Tas-Sliema u San Ġiljan ta' Temi Zammit)

4 Din-naħa ħadet isimha minn lukanda li ġġib l-istess isem, u li għad hemm imwaqqfa, anki jekk mitluqa, fuq għolja f'tarf it-telgħa fi Triq D'Argens, fi triqtek lejn Tas-Sliema fuq il-lemin, jew San Ġiljan, jew aktar 'il fuq, lejn Birkirkara, fuq ix-xellug. Faċċata tagħha għad hemm imwaqqfa wkoll Villa Portelli, li fiha s-sorijiet tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, li ġew Malta minn Franza, kienu fetħu skola u kulleġġ fl-1903. Il-lukanda 'Savoy' aktarx inbniet lejn l-aħħar tas-seklu 18, jew bidu tas-seklu 19.

5 Fuq dat-trufijiet insibu l-palazz tad-Dragunara mibni mill-bankier Markiż Manwel Scicluna fl-1870, u li llum jintuża bħala Casinò. Dari, ħafna sajjieda kienu jaħsbu li fl-għerien ta' taħt dal-promontorju kien hemm jgħix dragun kbir, aktarx minħabba l-ħoss kbir li kien jagħmel l-ilma meta jidħol fihom. U mill-kelma dragun twieldet il-kelma Dragunara.

6 F'dan-naħiet, li ħadu isimhom minn kappella iddedikata lil dal-qaddisa, protettur tal-Iskozja, insibu il-Forti Pembroke mibnija mill-Ingliżi fl-1877.

7 Aktarx li dal-inħawi ħadu isimhom minn torri li jġib isem il-qaddies. Dan kien inbena fl-1601 fi żmien il-Gran Mastru Wignacourt.

8 Hawn qed jirreferi għal dik qadima, komunement magħrufa bħala 'Ta' Lapsi'.

9 Meta Dun Anton Debono laħaq kappillan ta' San Ġiljan, dal-qassis xwejjaħ ġa kellu mat-tmenin sena. Serva wkoll tul il-parrokkat kollu tal-kappillan ta' qablu, u laħaq ftit ukoll lil Dun Lippu Grech. Anki fi xjuħitu, kien jiġi minn Tas-Sliema bil-karrozzin ta' Salvu Micallef "Il-Kanonku" biex kuljum iqarar u jqaddes il-quddiesa tas-7.00 a.m. F'San Ġiljan u l-inħawi tiegħu kulħadd kien iżommu b'raġel qaddis. Għex ħajja twila u miet f'daru stess.

10 Kien organista fi żmien il-parrokat ta' Dun Anton Debono. Dal-eks patri Karmelitan kien ġie f'San Ġiljan fl-1932 jew qabel, fejn 'kont dejjem issibu jqarar tul il-quddies kollu tal-Ħadd u nhar ta' xogħol'. Normalment kien iqaddes tal-4:30 a.m., dik li aħna nsejħulha 'tal-ewwel' (Tagħrif meħud mill-*Personalia Ġiljaniża I*).




Skont il-Kanonku Dun Karm Calleja, l-ewwel ħidma pastorali tiegħu bħala kappillan kien li jagħmel il-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, u li joħroġ idur mar-raħal kollu biex ibierek ’il-familji wara l-Għid, li nofshom ġew fost il-Ġiljaniżi bħala refuġjati; xi ħaġa li swietlu mhux ftit biex isir jafhom ħafna aktar mill-qrib. Infatti, mal-ħatra tiegħu, Debono kera dar biex jgħix fiha flimkien ma’ missieru Ġużeppi, għax lil ommu Marjanna kien tilifha fi tfulitu. Parti min dil-istess dar kien jużaha wkoll bħala uffiċċju parrokjali biex minnu beda jaqdi lill-parruċċani, u minn fejn beda jirreġistra l-magħmudijiet, il-preċetti u l-griżmi, it-tiġijiet, l-imwiet u l-i*status animarum* – bħal ktieb tal-familja parrokkjali. Kien f’dil-istess dar ukoll li missieru miet fl-1948. U peress li daru kienet bieb u għatba mal-knisja parrokkjali l-qadima, kien ilaħħaq mal-funzjonijiet kollha. Tant hu hekk, li fil-Ħdud filgħodu kien iqaddes tal-ewwel fil-5:15 a.m., u filgħaxija jagħmel il-katekiżmu ta’ wara l-Għasar, u qabel r-Rużarju, u mbagħad il-Barka; il-quddies ta’ filgħaxija beda jsir biss wara l-Konċilju. Dal-uffiċċju parrokkjali kien ta’ siwi kbir għalih u għall-parruċċani, tant li skont Dun Anton Xiberras: ‘In-nies kienet issibu dejjem hemm biex jaqdiha, iwissiha, jgħinha, ifarragħha’. Mhux hekk biss, iżda ‘kemm dam f’San Ġiljan, u qalu qabel ma telaq, qatt ma ċċaqlaq jekk mhux għal bżonn kbir.’ L-istess awtur iżid jgħidilna, li ‘lanqas passiġġata ma kien joħroġ jagħmel. Rari biex ġie xalata mat-tfal. Tih l-uffiċċju u hemm kollox’.

Fil-bidu tal-parrokat tiegħu, Dun Anton Debono tista’ tgħid li kien jagħmel kollox waħdu, għax kif rajna, tneħħi liż-żewġ qassisin xwejħin li semmejna, li bażikament ħlief quddiesa tal-ħin u qrar ma kinux jagħmlu, il-pajjiż kien bla saċerdoti. Il-bqija tal-kleru ta’ żmienu, jekk kont tista’ ssejjaħlu hekk, kien jikkonsisti fi: (a) il-Kanonku Franco Calleja Gera, qassis Furjaniż mill-parroċċa ta’ San Pawl, il-Belt, refuġjat San Ġiljan, li għal xi żmien serva wkoll ta’ amministratur tal-parroċċa fil-perjodu tas-*sede vacante* bejn il-kappillan Żebbuġi Bonanno, li miet f’Novembru tal-1942, u l-ħatra l-ġdida ta’ Debono bħala l-ħames kappillan f’Marzu, jew April, tas-sena ta’ wara. Huwa baqa’ jżomm dil-kariga anki ftit xhur wara li Debono ħa l-pussess tiegħu bħala kappillan; bil-kura pastorali titħalla wkoll f’idejh; (b) Dun Pawl Galea (1899-1970), imwieled in-Nadur, kappillan tas-Sorijiet tal-*Blue Sisters*[11] u tal-Klarissi[12], li kien ġie qabel il-gwerra mill-missjoni f’Tunes, u li kien attiv ħafna fil-ħajja parrokkjali ta’ pajjiżu; (ċ) Dun Mikiel Camilleri, kappillan tas-*Sacred Heart*, li ġa kien jaħdem ma’ Bonanno sa mill-1932, jekk mhux qabel ukoll; u (d) Dun Franġisk Catania, li kien imur biss fix-xhur sħan sajfin u jqaddes fil-knisja tal-Kunċizzjoni[13].

---

[11] Hekk huma magħrufin l-aktar das-sorijiet tal-blu għax iġibu l-istar ikħal taħt il-mant iswed. Għall-ewwel li ġew joqogħdu dan-naħiet, kienu biss erba’ sorijiet Irlandiżi, u kellhom dar fi Triq il-Katidral, f’Tas-Sliema. Aktar tard huma marru joqogħdu *f’Casa Leono XIII* maġenb l-Isptar ta’ Zammit Clapp, fuq art mgħotija minn Monsinjur Dun Manwel Debono Cassia. Il-Gvernatur ta’ dak iż-żmien, Sir Arthur J. Lyon Fremantle kien ta elf lira biex dal-proġett seta’ jirnexxi. Ix-xogħol ta’ das-sorijiet hub lid jilħqu mal-isptar u jmorru jieqfu mal-morda fi djarhom.

[12] Għall-ewwel li ġew is-sorijiet ta’ *Poveri Clarissi Colletini* minn Ħaż-Żabbar fl-1920 kienu fetħu kappella f’kamra ta’ dar-monasteru fin-Nru 20, Triq il-Karmnu, San Ġiljan, u li fiha kienet issir quddiesa kuljum mill-Kan. Manwel De Gabriele. 15-il sena wara marru joqogħdu f’kunvent ġdid mibni apposta għalihom fuq pjanta tal-Perit Emmanuele Borg. Il-kappella hi sempliċi u sabiħa u ddedikata ’l-Bambin Ġesù Sultan. Is-sorijiet jgħixu fuq il-karità, b’uħud minnhom qatt ma joħorġu mill-kunvent.

[13] Dil-knisja ilha mwaqqfa minn żmien il-Kavallieri. Kien proprju l-Prijur ta’ Lombardija, Fra Pawl Rafel Spinola li xtaq jibni knisja żgħira qrib il-palazz tiegħu għall-użu privat tiegħu u tal-bdiewa u s-sajjieda li kienu joqogħdu fil-qrib. L-ewwel ġebla tqiegħdet fis-16 ta’ Ġunju 1687, u tbierket u nfetħet għall-quddies daqs sena u ftit fuqhom wara, u ssemmiet għall-Immakulata Kunċizzjoni t’Omm Alla. Fl-1914 tkabbret u saritilha faċċata ġdida minn Fra Angelo Portelli, Isqof Titulari ta’

Mill-bqija, f'dal-perjodu ta' bejn l-1943 u l-1945 qajla nsibu xi tagħrifiet fuq ħidmet Dun Anton Debono, u għaldaqstant, il-ftit li hemm jista' jagħtihomlna biss Dun Anton Xiberras fid-Djarju tal-Gwerra. Ngħidu aħna, fil-ħames ktieb niżżel li lejlet is-*Sette Giugno* tal-1943, li dakinhar inzerta t-Tnejn, kien 'għereq tifel San Ġiljan; miet wara ftit, assitit mill-kappillan D. Anton Debono'. Fis-sitt ktieb, il-Ġimgħa, 29 t'Ottubru, insibu li l-awtur kien mar il-Ħamrun biex jiġbor in-nuċċali tal-vista, u wara rħielha għal San Ġiljan, fejn qagħad jiekol għand il-kappillan Dun Anton Debono, li min-naħa tiegħu silfu xi kotba tat-Teoloġija.

Fit-tmien ktieb imbagħad, l-awtur niżżel li fit-Tlieta, 8 t'Awwissu, telaq min-Naxxar fit-8:30 a.m., u kwarta wara minn B'Kara għal San Ġiljan, fejn għadda s'għand il-Kappillan Dun Ant. Debono, imbagħad għamel żjara qasira s'għand il-Markiża Scicluna, u wara ltaqa' b'kumbinazzjoni ma' Irish u għamlu siegħa sħiħa jitkellmu fuq il-lettaratura; liema laqgħa ġebbdet sa nofsinhar, meta mbagħad irħielha lura lejn l-Imsida, u minn hemm għan-Naxxar. U bħallikieku dan ma kienx biżżejjed, filgħaxija għamel għawma l-Magħtab. Issa hawn wieħed irid jifhem li kull fejn kien imur Dun Anton Xiberras, aktarx li kien juża r-rota tiegħu jew sempliċiment bil-mixi, imma forsi kultant ukoll, bit-trasport pubbliku.



Il-vara ta' San Ġiljan, xogħol l-istatwarju Karlu Darmanin, kif dehret fuq poster li kien ħareġ fl-1991 fl-okkażjoni tal-100 sena parroċċa

Intant, il-Ħadd filgħaxija, 27 tal-istess xahar sħun, l-awtur mar San Ġiljan biex jakkumpanja fil-purċissjoni. Minn Birkirkara s'hemmhekk ħadha bil-mixi. Wara mbagħad, mar qatta' siegħa żmien fejn ċertu Toni Boxall[14] il-Blue Sisters, u twassal lura n-Naxxar fil-10:00 p.m. bit-trakk tal-pulizija. Tajjeb ngħidu, li fl-eqqel tal-Gwerra, il-purċissjoni b'San Ġiljan kienet toħroġ fil-ħamsa ta' filgħaxija u tidħol qabel inżul ix-xemx minħabba l-black out. Ma tmiem il-Gwerra mbagħad, il-permess tal-purċissjonijiet twal sa siegħa lejl, jiġifieri sad-9:00 p.m.

**Dun Franġisk Zammit, Furjaniż, bħala viċi parroku:** Iżda anki hawnhekk, il-kappillan Debono ma qatax qalbu u ra kif għamel u kiseb ukoll is-servizz ta' Dun Franġisk Zammit (9.xii.1909-1.iii.1983), imwieled il-Furjana minn Carmelo Zammit u Francesca Saveria Debattista. Zammit laħaq viċi kappillan għall-ħabta tal-1945, u kemm dam jgħix f'San Ġiljan, kien joqgħod f'Telgħet Birkirkara (B'Kara Hill). Ta' 17-il sena hu ngħaqad mal-Ordni tal-Kapuċċini fil-kunvent tal-Furjana sa ma ipprofessa fl-1930, u ordna saċerdot fid-19 ta' Marzu 1935, fejn imbagħad ingħatalu l-isem ta' Patri Dward. Bejn l-1937 u l-1944 insibuh fil-Missjoni Kapuċċina ta' Jhansi, fl-Indja[15] iżda kellu jerġa' jiġi lura minħabba saħħtu, u kellu jħalli wkoll l-patrijiet kapuċċini u jidħol mal-Kleru Djoċesan.[16]

---

Selinote. Jingħad li l-patrijott Malti, Dun Gejtan Mannarino miet f'xi kmajra maġenb is-sagristija, u l-katavru tiegħu kellu jinħareġ minn ġot-tieqa peress li ma setax jgħaddi mill-garigor dejjaq.

[14] Mid-Djarju tal-Gwerra nsiru nafu li filgħaxijiet is-seminarista Toni Xiberras kien jgħallem id-Duttrina lit-tfal fl-Oratorju l-qadim, u kien hemmhekk li ltaqa' ma' dat-tfajjel refuġjat, li hub jiddiskrevih bħala gustuż (Is-Sitt Ktieb, It-Tlieta, 30 ta' Novembru, 1943). Fl-istess ktieb insibu li filgħaxija tat-Tnejn, 6 ta' Diċembru tal-istess sena, ukoll għallem id-duttrina, u did-darba kellu ħafna aktar xi jgħid fuq dat-tfajjel: 'Fost it-tfal, ċertu Toninu Boxall laqatni wisq. It-talb u t-tagħlim jafu kollu, u tifel tajjeb ħafna. Kellimtu wara l-barka u qalli li qed jgħix hawnhekk man-nanna u oħtu żgħira. Ommu taħdem it-Tarzna u tpoġġi Raħal Ġdid, ma' ħutu ikbar minnu, wieħed tal-Air Force; missieru Ingliż, miet xi 9 xhur ilu bl-ismoke screen ġot-tarzna.

[15] Skont il-Kanonku Dun Karm Calleja, Dun Franġisk għamel id-doppju snin bħala missjunarju. (San Ġiljan - 100 Sena Parroċċa, p. 216). Dun Anton Xiberras ukoll, f'kitba oħra tiegħu dwar 'Qassisin Oħra li Llum m'Għadhomx Magħna', li dehret fil-ktieb 'Dun Anton – Kitbietu Miġbura (Vol. 2, p. 184), jgħid li Dun Franġisk 'qatta' 11-il sena bħala missjunjarju Kapuċċin fl-Indja'.

[16] Tagħrif meħud mill-*Personalia Ġiljaniża I*: Dun Anton – Kitbietu Miġbura, Vol. 2, p. 419.

L-istess awtur jkompli jgħidilna, li bħala viċi parroku, ix-xogħol pastorali ta' Dun Franġisk kien jikkonsisti f'li jieħu ħsieb iqarar, iqaddes tas-7:30 a.m., iqarben il-morda u jassistihom, kif ukoll l-Vjatku, u eventwalment il-funerali. Kont issibu dejjem preżenti bħala ċeremonier għall-quddies kantat li kien isir kważi kuljum, għall-għosrien tal-Ħdud u festi, u għall-purċissjonijiet kollha, speċjalment dawk organizzati mill-Fratellanzi. Ħafna Ġiljaniżi ta' dari laħquh fil-funzjonijiet ta' qabel il-Konċilju fiż-żewġ knejjes, dik il-qadima, Ta' Lapsi, u l-oħra l-ġdida meta nfetħet fl-1968. B'kollox, hu serva bħala viċi taħt ħames kappillani, ibda minn Debono, u mbagħad Grech, Calleja, Galea u Agius. Miet f'San Ġiljan fl-ewwel ta' Marzu 1983 wara li kien ilu jservi fil-parroċċa għal 38 sena sħaħ.



Santa tal-Leġjun ta' Marija, assoċjazzjoni internazzjonali mwaqqfa minn Frank Duff

**Twaqqif tal-Frieghi tal-Leġjun ta' Marija**: Lil Dun Franġisk insibuh direttur spiritwali tal-ewwel *Praesidium* tal-Irġiel tal-leġjun ta' Marija[17], bl-isem ta' 'Torri ta' David', li twaqqfet fl-1946, dejjem fiż-żmien il-kappillan Debono, bl-għan li tqaddes lill-membri tagħha u mbagħad tqaddes lill-oħrajn. Bħala President kellha lis-sur Frank Miggiani. Sena wara, jiġifieri fl-1947, sar l-ewwel *Praesidium* tax-Xebbiet, bl-isem ta' 'Sultana tal-Qaddisin kollha', bis-sinjurina Mary Abela bħala President u l-Kan. Arċ. Frank Vella Gera bħala Direttur Spiritwali.

**L-ewwel prijorità: Ħidma Sfiqa Pastorali**: Dawn kienu biss tnejn mill-ħafna għaqdiet reliġjużi li twaqqfu bit-tħabrik ta' dal-kappillan il-ġdid. U peress li l-parroċċa kienet tħarbtet mhux ħażin fil-Gwerra, hu introduċa numru ġmielu ta' miżuri ta' emerġenza bl-għan li jiġbor lura l-merħla l-mitlufa, li bħal donnha kienet sfat mingħajr ir-ragħaj pastorali tagħha. Fl-artiklu tiegħu li semmejna, il-Kanonku Dun Karm Calleja jelenka lista dettaljata ta' dal-miżuri mittieħda:

| |
|---|
| Żieda fil-quddies tal-ħin fil-ħdud u l-festi, u waħda oħra kuljum |
| Żieda fil-qrar, inkluż is-Sibtijiet filgħaxija, għal aktar kumdità |
| Titjib fl-organizzazzjoni tal-*Ora Santa* tal-Ħamisijiet filgħaxija |
| Titjib fl-organizzazzjoni tar-rużarju u benedizzjoni ta' filgħaxija |
| Titjib fl-organizzazzjoni tal-festi ewlenin ta' matul is-sena[18] |
| Ingħata bidu għad-duttrina għat-tfal tal-Preċett u l-Griżma[19] |
| Twaqqif tal-Għaqda tal-Abbatini[20] |

[17] Dil-għaqda tagħmel żjajjar fid-djar u żżomm kuntatti personali, tikkonsagra l-familji 'l-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u ta' Marija, u ddawwar l-istatwa tal-Madonna minn familja għal oħra. Barra minn hekk, tara wkoll li l-membri tagħha jżuru lill-morda u jgħallmu l-katekiżmu.

Il-Leġjun ta' Marija twaqqaf minn Frank Duff (1889-1980), Irlandiż lajk, fis-7 ta' Settembru 1921, lejlet il-festa tal-Bambina, f'Myra House, Dublin. Dal-Leġjun infirex f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja, u jinsab tista' tgħid f'kull parroċċa fil-gżejjer Maltin. L-għaqda tinbena fuq il-mudell ta' armata Rumana, fejn fuq nett għandek il-*Concillium Legionis* (il-Kunsill ċentrali ġewwa Dublin), taħtu r-*Reġija*, li hi l-ogħla treġija tal-Leġjun f'Malta, u taħtha jerġa' mbagħad il-*Kurja*, li hu Kunsill fi grad ogħla mill-*Praesidium*, li jinsab taħt nett. Din tal-aħħar hi l-iċken taqsima, u kull waħda minnhom jingħatalha isem ta' xi titlu jew privileġġ ta' Marija.

[18] Dan seta' jseħħ ukoll bil-għajnuna tal-fratellanzi, fosthom dik tas-Sagrament, li f'San Ġiljan ġiet imwaqqfa fl-ewwel ta' Jannar, 1905 mill-kappillan Bormliż, Dun Karm Bugelli (26.07.1866-22.05.1936). Taħt Dun Anton Debono, dil-fratellanza, li tagħha kien promotur mill-aqwa, reġgħet ħadet spinta kbira 'l quddiem bil-festi ta' Corpus, tal-Qalb ta' Ġesù, Vjatki Solenni, u aktar tard, bit-twaqqif tal-monument tal-Qalb ta' Ġesù. Fi żmienu, dal-festi bil-purċissjonijiet tagħhom kienu jsiru b'solennità liema bħalha.

[19] Skont Dun Anton Xiberras, il-kappillan il-ġdid tħabat ħafna biex sab dar għalihom. Skontu wkoll, did-dar fin-naħa t'isfel ta' Triq Lapsi, qabel ma tidħol għall-pjazza tal-knisja parrokkjali l-ġdida, u li aktar tard bdiet tintuża wkoll mill-bniet tal-Azzjoni Kattolika, infetħet fil-bidu nett tal-parrokkat tiegħu, jiġifieri fl-1943.

[20] Din kienet magħmula minn studenti li kienu mħajra għas-saċerdozju, fosthom Karm Calleja, xi żgħażagħ tamparhom, u tfal abbatini. Dil-għaqda hekk imsejħa tal-abbatini kienet tgħin fil-funzjonijiet regolari u speċjali ta' matul is-sena.



**Il-Melita Open Air Theatre**: Ma' dil-lista nistgħu nżidu wkoll il-ftuħ ta' dat-teatru bl-iskop li joffri rikreazzjoni onesta 'l-parruċċani permezz tal-wiri tal-films (fi żmien wara meta l-istess teatru serva għall-istess sfog għall-ġuvintur u l-irġiel tal-A.K.) u teatrin għall-familja kollha. Dun Anton Debono kien akkwista dal-post għal xi żmien b'xejn mingħand ċertu Karm Pace Bonello xi sena wara li kien ilu kappillan. Ġiet iffurmata għaqda tat-teatrin magħmula minn seminaristi, fosthom Karm Calleja, u xi żgħażagħ tamparhom, kif ukoll xi rġiel. U f'qasir żmien, dal-abbatini tal-parroċċa bdew itellgħu kull xorta ta' rappreżentazzjonijiet fuq il-mudell ta' kif kienu jinħadmu s-Salesjani. Is-serati kienu jinżammu f'dat-teatru mikxuf fix-xhur sħan tas-sajf meta l-ħbit mill-ajru kien jippermetti. Għal Dun Anton Xiberras, dat-teatru kien 'sar il-ġabra tal-Parroċċa wara l-Knisja.'

**Xi opri li saru fi żmien il-parrokat ta' Debono**: F'dawk li huma opri, peress li l-kappillan ta' qablu, Dun Amabbli Bonanno (22.xii.1874-14.xi.1942), kien żejjen ħafna l-knisja tul il-parrokkat tiegħu ta' 'l fuq minn tletin sena, Dun Anton Debono żied ftit oħrajn fuq dak li sab. Iżda kif se naraw fl-artiklu tas-sena d-dieħla, il-konsagrazzjoni tal-parroċċa lill-Qalb ta' Ġesù u Marija, u magħha l-istatwa kbira tal-irħam li ġiet imwaqqfa f'nofs Misraħ Spinola, kienet forsi l-akbar opra li twettqet fi żmienu:

| Mil-lista tal-Kanonku Dun Karm Calleja[21] | | |
|---|---|---|
| | | |
| Par akkolti[22] tal-fidda[23] | | Pissidi[24] kbir tal-fidda ndurat |
| Restawr u żebgħa tal-knisja[25] | | Siġġijiet ġodda tas-sogħda[26] |
| Kanċell tal-kewba madwar il-presbiterju[27] | | Pjaneta tal-lama, irrakkmata bid-deheb, u kalċi[28] |
| Statwa tal-Madonna ta' Fatima | | Sett kapep u velumeral tal-brokkat |

U biex nagħlaq dit-tieni parti tal-artiklu, ippermettuli nislet biss żewġ tagħrifiet mill-għaxar ktieb tad-Djarju tal-Gwerra ta' Dun Anton Xiberras; il-waħda datata l-Ġimgħa, 23 ta' Novembru 1945, fejn jgħid li wara nofsinhar mar passiġġata San Ġiljan u ra 'l-Kappillan Dun Anton Debono. Jgħid ukoll, li tal-familja tiegħu laqgħuh tabilħaqq. L-oħra hi datata l-Ġimgħa wkoll, 14 ta' Diċembru tal-istess sena, fejn l-awtur jgħid li ġera ġirja sa San Ġiljan, daħal ftit San Girgor, u wara mar s'għand il-poeta Dun Karm, li dakinhar irregalah bil-pinna tiegħu għax-Xirka (tal-Malti għat-Tfal). Wara mar jara lil ħabibu Toninu Boxall f'St. Patrick, u fl-aħħar nett spiċċa għand il-kappillan ta' San Ġiljan, fejn temm iż-żjara tiegħu u reġa' lura n-Naxxar. U l-aħħar kelma nħalliha wkoll f'idejn l-istess awtur: 'Dun Debono kien kappillan

[21] Meħuda mill-artiklu 'Il-Kappillani Dun Anton Debono u Dun Philip Grech' (San Ġiljan – 100 Sena Parroċċa).

[22] Akkolta/u: normalment tirreferi għal waħda mix-xemgħat li jġorru l-abbatini (tar-raba' ordni minuri) waqt xi ċerimonja. F'dal-każ qed jirreferi għall-gandlieri tal-fidda li fihom jiddaħħlu x-xemgħat.

[23] Das-sett sar fuq disinn t'Abram Gatt (1863-1944), pariġġ is-salib tal-kleru, u tħallsu mill-irkantatur Jos. Darmenia, li kellu l-ħanut fi Triq it-Torri, Tas-Sliema. L-istess irkantatur kien ħallas ukoll minn butu għal żewġ linef imdaqqsin biex jiddendlu quddiem il-presbiterju u jinxtegħlu biss għall-Milied u fil-festa ta' qaddis patrun.

[24] Kalċi kbir, f'dal-każ maħsul fil-fidda, u li normalment jinżamm fit-tabernaklu bl-ostji ikkonsagrati fih, lesti biex jitqassmu waqt it-tqarbin. Dari kienu jintużaw ħafna, kemm fid-djar, kif ukoll fil-knejjes.

[25] Dan sar peress li l-knisja kienet sfat xi ftit jew wisq abbandunata minħabba l-Gwerra.

[26] Jissejħu hekk għax il-wiċċ tagħhom kien ikun miksi proprju bis-sogħda – tip ta' xitla b'werqa ċatta u twila, li meta tkun niexfa tifforma ħabel irqiq tajjeb għall-insiġ. Il-qafas tas-siġġu kien ikun tal-injam ħafif, kemm iżomm bniedem bilqiegħda fuqu.

[27] Ħadmu l-iskultur Ġużeppi Manicolo, mastrudaxxa ta' ħila, li kien joqgħod fi Triq Lapsi stess, u ftit wara emigra lejn l-Awstralja. Dal-kanċell kien meħtieġ biex ix-xjuħ setgħu jitilgħu jitqarbnu għarkupptejhom madwar il-presbiterju.

[28] Dawn ġew imħollija minn Dun Vinċenz Pace.

fi żmien ta' qabel il-Konċilju II u ż-żmien li fih San Ġiljan kien għadu tista' tgħid post ta' villeġġjatura'[29], għax warajh 'iż-żmenijiet tbiddlu bħal-lejl min-nhar.'[30]

[29] Dun Anton – Kitbietu Miġbura, Vol. 2, p. 177.
[30] Idem.